MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 21/2004

**Carmel u Paola konjugi Vella**

**Vs**

**Renato u Antonia Chircop**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' sitt mija u disgha u hamsin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm659.68c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident Bernice Chircop kienet unikament responsabbli minhabba t-traskuragni, negligenza, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti. Jghidu wkoll illi hemm *pedestrian crossing* ftit metri 'l boghod minfejn sehh l-incident in kwistjoni.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuti qed jikkontestaw it-talba attrici:

i. Stante illi kwantu kif diretta l-azzjoni kontra taghhom dawn ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li huma ghandhom iwiegbu personalment fit-termini ta' l-Artikolu 1034 u 1035, u kwindi l-gudizzju mhux integru fil-kawza kif diretta mill-istess atturi.

ii. Fit-tieni eccezzjoni l-konvenuti jghidu li ezercitaw dik id-diligenza rikjesta mill-Artikolu 1034 u 1035 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

iii. Illi l-konvenuti jghidu fit-tielet eccezzjoni li hadu hsieb l-imsemmija minuri sal-grad li tirrikjedi l-ligi u cjoe' sal-grad tal-*bonus paterfamilias*.

iv. Fir-raba' eccezzjoni l-konvenuti jghidu wkoll illi minuri qatt ma tista' tigi tenuta responsabbli ghal danni nvolontarji peress li ghandha biss tlettax-il sena u kwindi ezenti minn kull responsabbilta' fil-ligi ai termini ta' l-Artikolu 1035 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

v. Chircop qalu li l-minuri m'hijiex responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn l-attur qal:

"Jiena kont ghaddej normali u f'daqqa wahda qasmet tfajla u hasditni. Zammejt il-*brake* imma xorta lqatta' ghax ma taghtnix cans."

Dwar il-mertu tal-kawza numru **1213/02AJD** fl-ismijiet **Carmel u Paola konjugi Vella Vs Renato u Antonia Chircop bhala kuraturi ta' binthom minuri Bernice Chircop** diga' gie deciz fid-19 ta' Settembru, 2003 billi t-Tribunal laqa' l-ewwel u r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti u konsegwentament illibera lill-konvenuti Renato u Antonia Chircop fil-kwalita' taghhom u ta' kuraturi ta' binthom Bernice Chircop mill-osservanza tal-gudizzju. Baqa' rriservat id-dritt ta' l-atturi li pprocedew kontra l-konvenuti f'isimhom personali ai termini ta' l-Artikolu 1034 tal-Kap. 16.

Ra x-xhieda ta’ Antoinette Baldwin prodotta mill-konvenuti, li hija l-ghalliema ta’ Bernice Chircop fejn tghid illi l-konvenuti dejjem kienu jigu ghal Bernice Chircop. Izda ma tistax teskludi li xi darba marret id-dar wahidha.

**Ikkunsidra**

Illi diga’ gie deciz li l-incident gara tort ta’ Bernice Chircop. Illi dan it-Tribunal jaqbel mal-konkluzjoni tat-Tribunal fil-kawza 1213/02AJD dwar il-fatt li l-incident gara tort ta’ Bernice Chircop.

F’din il-kawza dan it-Tribunal irid jara jekk il-konvenuti, genituri taghha ghandhomx jigu mizmuma responsabbli skond il-ligi.

Illi l-**Artikolu 1034** jipprovdi:

“Kulmin jiehu hsieb ta’ wiehed minuri…hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri…meta huwa ma jkunx ha l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix.”

Illi skond l-**Artikolu 1035**:

“…. It-tfal li ma jkunux ghalqu l-eta’ ta’ erbatax-il sena m’humiex obbligati ghall-hlas tal-hsarat maghmulin minnhom; izda jibqa’ shih il-jedd ta’ min ikun bata l-hsara ghall-azzjoni, meta hemm lok ghaliha, kontra dawk li huma obbligati ghal dawk il-hsarat skond l-ahhar Artikolu qabel dan.”

Illi dan it-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni fir-Risposta billi skond l-Artikolu 1035 huma l-genituri li ghandhom iwiegbu.

Illi huma l-atturi li kellhom igibu l-prova li l-konvenuti ma kienux hadu l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja biex jaraw li l-fatt ma jigrix.

Jirrizulta li bhala fatt il-konvenuti kienu jwaslu lill-konvenuta sa l-iskola u jmorru ghaliha. (Ara xhieda ta’ Antoinette Baldwin). Dakinhar ta’ l-incident il-minuri kienet

fuq brejk bejn zewg lezzjonijiet u marret tixtri xi haga ma' habiba taghha. Il-brejk huwa ta' siegha izda l-minuri u l-habiba taghha ddecidew li jmorru jixtru ftit qabel il-lezzjoni li kien imiss u allura kienu mghagglin. Mill-iskola safejn riedu jmorru jixtru kien hemm boghod ta' madwar hames minuti.

Fix-xhieda taghha Maria Galea qalet:

"Ma nafx ghalfejn dak il-hin ahna ma morniex naqsmu mit-*traffic lights*. Nghid li ahna gieli konna naqsmu minnhom u gieli le. Dak il-hin ma tajniex kaz."

Illi l-konvenuti ma qalux jekk kienux taw struzzjonijiet sabiex lit-tifla minuri tibqa' fl-iskola fil-hin tal-brejk u lanqas xehdu dwar xi struzzjonijiet ohra li kellhom id-dover li jaghtu – bhal uzu ta' *traffic lights* ecc. Illi f'dawn il-proceduri dan it-Tribunal jista' jikkunsidra biss dawk il-fatti li jirrizultaw mill-atti. Il-konvenuti ma qalux li l-minuri kellha struzzjonijiet li waqt il-hin tal-brejk tibqa' f'certu post u ma tmurx tixtri. Ma kienetx l-ewwel darba li l-minuri marret tixtri waqt il-brejk. Bhalma kienu jiehduha u jmorru ghaliha kellhom id-dover li jassiguraw li fil-brejk ikollha struzzjonijiet x'ghandha taghmel.

Id-danni mhux ikkontestati u jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' sitt mija u disgha u hamsin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm659.68c) lill-atturi. Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------